# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.

**Kawza Nru: 306/2012**

**Illum: 27 ta' Mejju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**vs**

**Gianluca Torres**
**(ID 18571(A))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Gianluca Torres, bin Vincenzo u Giuseppina nee` Mirabella, imwieled Siracusa fl-10 ta' Frar 1973, u joqghod f'indirizz mhux maghruf, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 18571(A);

Akkuzat talli fis-6 ta' Novembru 2007, fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, Paola, ghall-habta tas-1.45 p.m.:

1. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli wkoll bhala persuna li ma hux ufficjal tal-habs jew persuna impjegata fil-habs, minghajr l-awtorita` legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett ikun li jkun li hu pprojbit skond xi regolamenti maghmula skond l-Att, jew garr jew ipprova jgorr xi oggett bhal dak barra minn xi habs u cioe` xi medicina perikoluza skond l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew medicina li hi kkontrollata b'regolamenti maghmula taht l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha;

3. Talli wkoll rrenda ruhu recidiv ghal diversi sentenzi li gew definittivament decizi mill-Qorti ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita, tordna lill-hati jhallas l-ispejjez peritali ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat ukoll illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9, l-imputat wiegeb li mhuwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, kif ukoll illi ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar is-6 ta' Novembru 2007, saret tfittxija ta' rutina gewwa cella numru 7, f'Divizjoni 13 fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, liema cella kienet okkupata mill-imputat odjern. Il-kelb li kien qieghed jintuza mill-Ufficjali tal-Habs fit-tfittxija, irreagixxa hekk kif kien vicin is-sodda, f'liema hin wiehed mill-ufficjali prezenti gholla s-saqqu u injama li kienet tinsab fuq is-sodda u waqghet sustanza suspettata droga.

Fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2015, id-difiza ssollevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Jirrizulta mill-atti illi fil-waqt illi l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu ghas-6 ta'

Novembru 2007, ic-*charge sheet* odjerna gietipprezentata fir-Registru tal-Qorti fl-20 ta' Gunju 2012. L-ewwel seduta, imbaghad, giet mizmuma quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, fit-2 ta' Novembru 2012, f'liema seduta, skond il-verbal tal-istess, deher l-imputat sprovvist minn avukat u l-Ufficjal Prosekutur. F'dik is-seduta, il-Qorti osservat illi stante li l-Magistrat sedenti kienet il-Magistrat Inkwirenti li kompliet tisma' l-provi u kkonkludiet l-inkjesta relattiva ghall-istess kaz, kienet qeghda tastjeni milli tisma' l-kawza. L-atti ntbaghtu lir-Registratur sabiex jigu assenjati skond il-ligi u sussegwentement, il-kawza baqghet tinstema' quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Magistrat (illum Imhallef) Dr. Edwina Grima u wara quddiem il-Qorti kif preseduta. Fil-verbal tas-seduta tal-5 ta' Frar 2013 u cioe` t-tieni seduta li giet mizmuma f'dan il-kaz, gie indikat illi l-Ispettur Joseph Agius informa lill-Qorti li l-imputat ma kienx notifikat u allura l-kawza giet differita ghas-6 ta' Mejju 2013. F'dan ir-rigward, id-difiza ssottomettiet illi ghalhekk la darba f'din is-seduta gie indikat li l-imputat ma kienx notifikat, jekk kien hemm xi forma ta' notifika lill-imputat, dan sehh wara l-5 ta' Frar 2013, meta allura l-azzjoni kienet preskritta. Tghid ukoll id-difiza illi minkejja li l-imputat deher fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2012, ma jfissirx illi hemm prova tan-notifika tal-imputat.

Fir-rigward tal-verbal tas-seduta tal-5 ta' Frar 2013, il-Qorti tirrileva illi d-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni illi l-imputat ma kienx notifikat tfisser biss illi l-imputat ma kienx gie notifikat mill-Prosekuzzjoni sabiex jidher ghal dik is-seduta u xejn izjed. Tant hu hekk illi ghalkemm l-imputat kien deher ghas-seduta precedenti, peress illi l-atti kellhom jigu assenjati mill-gdid in vista tal-astensjoni tal-Magistrat sedenti, l-imputat ma kienx gie notifikat in awla bid-data tas-seduta sussegwenti u dan naturalment ghaliex il-Magistrat sedenti ma setghetx taghti d-data tad-differiment la darba l-atti kienu ser jigu assenjati mill-gdid. Kif inghad qabel, madankollu, jidher mill-verbal tat-2 ta' Novembru 2012, illi l-imputat deher ghal din is-seduta. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Bartolomew Bonnici</u>**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013, fejn f'dak il-kaz, l-appellant kien eccepixxa b'success il-preskrizzjoni, fin-nuqqas ta' riferti fl-atti li setghu jindikaw id-data meta l-imputat gie notifikat, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ewwel data li fiha kien deher l-appellant quddiem il-Qorti in konnessjoni ma' dak il-kaz. Fir-rigward tal-ewwel dehra tieghu, il-Qorti qieset illi "*quindi l-unika data illi l-Qorti tista torbot ghal fini ta' notifika hija din is-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011 fejn bil-prezenza tieghu l-appellant kien qieghed jikkonferma t-tali notifika u jissottometti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. F'din id-data t-terminu ta' tliet xhur lahaq skada u quindi l-azzjoni kienet tinsab preskritta u l-Qorti ma setghetx tkompli bil-kawza.*"

F'dan il-kaz, bhal kaz citat, fin-nuqqas ta' riferti li juru meta kien gie notifikat ghall-ewwel darba l-imputat odjern, l-unika data li l-Qorti tista' torbot maghha, ghal fini ta' notifika, hija l-ewwel seduta li fiha deher l-imputat odjern, ossia dik tat-2 ta' Novembru 2012, fejn allura bhal fil-kaz citat, l-imputat kien qieghed jikkonferma n-notifika tieghu u jissottometti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. L-imputazzjonijiet odjerni huma preskrivibbli b'terminu ta' hames snin ai termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk la darba dawn jirreferu ghas-6 ta' Novembru 2007, fit-2 ta' Novembru 2012 l-azzjoni kienet ghadha mhux preskritta.

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-imputat jinsab akkuzat bil-pussess tar-raza tal-*cannabis* u talli dahhal jew ipprova jdahhal medicina perikoluza gewwa l-habs. Is-sustanza in kwistjoni ossia s-sustanza li nstabet mill-Ufficjali tal-Habs waqt it-tfittxija taghhom gewwa c-cella tal-imputat odjern fis-6 ta' Novembru 2007, baqghet ma gietx esebita fl-atti. Anzi mill-process verbal redatt dwar dan il-kaz, jirrizulta car illi l-Magistrat Inkwirenti ma rnexxilhiex tirrintraccja s-sustanza in kwistjoni.[1] Mill-atti ma tirrizulta assolutament l-ebda prova dwar f'hiex kienet tikkonsisti din is-sustanza li l-Ufficjali tal-Habs, fix-xhieda taghhom, jirreferu ghaliha bhala qisha *teabag* u ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel zewg imputazzjonijiet ma gewx sodisfacentement ippruvati.

La darba ma qed tinstab l-ebda reita` fl-imputat fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, isegwi wkoll illi l-imputat lanqas ma jista' jinstab hati tal-addebitu tar-recidiva.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat

[1] A fol. 55 tal-process.